**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 13/2017

**Il-Ħamis 14 ta' Diċembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Evelyn Vella Brincat – Kunsillier
Mark Causon - Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI**
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

13.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda apoloġija.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/2017.

13.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K7/2017 kif ippreżentati.

13.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

13.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

13.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għar-rapport tal-Bord tat-Tenders **(Dok. 1)** speċifikament għal-**Tender 02/2017 for Work, Repairs and Reconstruction of Civil Works** fejn irrimarka li l-Bord kien qed jinforma lill-Kunsill li l-kuntrattur li kien intgħażel, għalkemm fil-21 ta' Novembru 2017 kien ġie mitlub biex fi żmien 10 t'ijiem jiffirma l-kuntratt, jibgħatu lura lill-Kunsill flimkien mal-Performance Bond, sallum, ħafna aktar mill-perjodu indikat, la kien bagħat lura l-kuntratt iffirmat wisq aktar il-Garanzija bankarja mitluba. Il-kelliem irrimarka li l-Bord qed jagħmel referenza għall-General Rules Governing Tenders version 2.1 Sezzjoni 20 Artiklu 20.5 li tgħid ***"If the selected tenderer fails to sign and return the contract, other required documentation, and any guarantees required within the prescribed periods, the Central Government Authority/Contracting Authority may consider the acceptance of the tender to be cancelled without prejudice to the Central Government Authority/Contracting Authority's right to seize the Bid Bond , claim compensation or pursue any other remedy in respect of such failure, and the successful tenderer will have no claim whatsoever on the Central Government Authority/Contracting Authority"*** u għalhekk ippropona li tintlaqa' r-rakkomandazzoni tal-Bord biex jiġi kkanċellat it-**Tender 02/2017**, u jinħarġu offerti ġodda. Il-kelliem ippropona wkoll li jekk il-kuntrattur preżenti J&K Contractors jaċċetta, il-kuntratt tiegħu għandu jiġġedded għal dak il-perjodu sakemm jinħarġu offerti ġodda u jiġu aġġudikata u jiġi iffirmat kuntratt ġdid, dan sabiex il-Kunsill ma jkunx skopert mingħajr ebda kuntratt invigore.

13.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

13.5.1 Peress li ma kienx hemm rapporti, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.6 Approvazzjoni draft tal-Estimi Finanzjarja għas-sena 2018.

13.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta Draft Estimi Finanzjarji għas-sena 2018 **(Dok. 2).** Wara li ma kienx hemm kummenti, is-Sindku Dean Hili ippropona li d-dokument jiġi approvat fil-format ta' draft kif ġie preżentat.

13.6.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

13.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.7 Approvazzjoni draft tal-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2018-2020.

13.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta Pjan ta' Ħidma għas-snin 2018-2020 **(Dok. 3)** Wara li ma kiens hemm kummenti, is-Sindku Dean Hili ippropona li d-dokument jiġi approvat fil-format ta' draft kif kien ġie preżentat.

13.7.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

13.8.1 Peress li ma kienx hemm skedi ta' pagamenti, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.9 Mozzjonijiet.

13.9.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 13.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm u ġiet aġġornata għal 14 ta' Diċembru 2017 fis-6:30pm.

Konfermati, illum 19 ta' Diċembru, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**